# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 80

Il-Ħamis 30 ta' Mejju 2024

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġużeʼ Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar il-Ħamis 30 ta' Mejju 2024 fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Joseph Cauchi – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Il-Munxar

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 80.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

80.1.1 Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li l-Viċi Sindku Carmela Parnis u l-Kunsillier Joseph Cauchi infurmaw lill-Kunsill li ser ikunu indisposti. Il-membri tal-Kunsill aċċettaw l-ittri ta' apoloġija.

### 80.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

80.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 78 u tal-laqgħa b'urġenza bin-numru 79 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

80.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

80.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Dawk preżenti kienu favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 80.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

80.3.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri, beda l-komunikat tiegħu billi rringrazzja lill-kunsilliera u lill-istaff tal-Kunsill tal-ħidma u l-koperazzjoni tagħhom matul din il-leġislatura li ser tintemm fil-jiem li ġejjin. Huwa saħaq li flimkien magħhom inbniet relazzjoni mhux ta' kollegi biss iżda wkoll ta' ħbiberija li jiġri x'jiġri fl-elezzjoni tat-8 ta' Ġunju ser tibqa' għal dejjem.

80.3.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-ħidma tal-Kunsill kompliet anke f'dawn l-aħħar ġimgħat fejn ġie mtella' programm t'attivitajiet fil-jiem tal-festa b'kollaborazzjoni mal-għaqdiet bħalma jsir kull sena, għaddejjin bil-manutenzjoni u xogħol ta' patching madwar il-lokalita', xogħol ta' tindif u qtugħ ta' ħaxix ħazin u xogħol ta' żbir tas-siġar tal-palm u l-bruk fost l-oħrajn.

Kunsill Lokali Il-Munxar

80.3.3 Is-Sindku għarraf ukoll lill-membri li kellu suġġeriment minn residenta sabiex issir manutenzjoni fuq bankina minħabba li qed titkisser kontinwament mill-vetturi. Huwa ppropona sabiex issir kopertura angolata tal-metall sabiex tkun protetta aktar. Kien hemm qbil minn dawk preżenti.

**80.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

80.4.1 Il-Kunsillier Mark Busuttil ressaq suġġeriment sabiex issir manutenzjoni ta' taraġ pubbliku fix-Xlendi li minn Triq San Xmun jagħti għal ħdejn il-bajja tax-Xlendi minħabba li hemm diversi madum imkisser u jinsab fi stat perikoluż. Kien hemm qbil mill-membri sabiex jinbidel il-madum ta' dan it-taraġ.

80.4.2 Il-Kunsilliera Juliet Attard staqsiet dwar il-possibilta' li jiġi nstallat *dog bin* fi Pjazza Anfori fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

**80.5 Proġetti fil-Lokalita';**

80.5.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li x-xogħlijiet relatati mas-sistema tas-*CCTV Cameras* fil-Munxar u x-Xlendi beda jiġi mplimentat u mistenni jiġi ffinalizzat fil-jiem li ġejjin.

78.5.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li b'kontinwazzjoni mat-tisbieħ fix-Xlendi liema xogħol kien jinkludi sistema ġdida ta' fanali dekorattivi u oħrajn solari kif ukoll installazzjoni ta' *railing* ġdid, fil-jiem li għaddew ġie nstallat ukoll arloġġ bi stil vittorjan fil-bajja tax-Xlendi.

**80.6 Ittra ta' Direzzjoni mill-Awdituri u r-Risposta tal-Kunsill;**

80.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-ittra ta' direzzjoni mill-Awdituri fejn saru xi rimarki wara l-*audit* li sar għas-sena 2023, kif ukoll ippreżenta risposta ssuġġerita li għandha tintbagħat lill-Awdituri, lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali kif ukoll lill-Awditur Ġenerali.
Il-Kunsill qabel mar-risposta u ġiet iffirmata mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

Kunsill Lokali Il-Munxar

## 80.7 Approvazzjoni tal-*Quarterly Financial Report*: Jannar 2024 – Marzu 2024 (L-Ewwel Kwart)

80.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport finanzjarju ta' kull kwart mill-1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Marzu 2024 li ntbagħat wkoll għall-attenzjoni tal-membri permezz ta' *email*.
Ir-rapport finanzjarju tal-ewwel kwart Jannar 2024 – Marzu 2024 ġie approvat unanimament mill-membri preżenti u ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 80.8 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;

80.8.1 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Ministeru tal-Agrikoltura, Is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali kif ukoll mid-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, dwar l-iskema "Cat Feeders Scheme 2024". Il-Kunsill innota l-kontenut u se jkun qed jiġbor id-dettalji tal-*cat feeders* skont kif mitlub.

80.8.2 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand SACES organizzazzjoni studenteska fil-fakulta' tal- *Built Environment* b'talba sabiex jiġi organizzat workshop bejn it-23 u l-25 t'Awwissu 2024 ġewwa t-Torri tax-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri sabiex din tiġi deċiża f'laqgħa tal-Kunsill il-ġdid.

80.8.3 Il-Kunsill irċieva konferma mingħand Transport Malta, tal-proposta sabiex l-inħawi ta' quddiem il-bajja tax-Xlendi jingħalaq għall-vetturi minn Ġunju minflok minn Lulju ta' kull sena. Il-Kunsill innota l-kontenut.

80.8.4 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Kunsill Reġjonali Għawdex bid-data taċ-ċerimonja tal-ħatra tas-Sindki u Viċi Sindki li ser tkun nhar il-5 ta' Lulju 2024 fis-6.00 ta' filgħaxija ġewwa Pjazza Indipendenza il-Belt Victoria. Il-Kunsill innota l-kontenut.

80.8.5 Il-Kunsill ressaq proposta ma' Project Green sabiex tingħata għajnuna finanzjarja biex tinbidel palma fi Trejqet il-Madonna tal-Karmnu fix-Xlendi. Il-Kunsill irċieva konferma lura li din ser tiġi ffinanzjata minnhom. Il-Kunsill innota l-kontenut.

Kunsill Lokali Il-Munxar

80.8.6 Wara li ġiet sottomessa applikazzjoni mal-Awtorita tal-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) sabiex isir żbir tas-siġar tal-bruk fix-Xlendi, Il-Kunsill irċieva l-approvazzjoni kif ukoll konferma u struzzjonijiet sabiex tali applikazzjoni ma tibqax issir minn sena għal oħra sakemm iż-żbir isir fil-limitu stabbilit. Il-Kunsill innota l-kontenut.

80.8.7 Il-Kunsill irċieva stedina mill-Ministeru Għal Għawdex u L-Ippjanar sabiex jissieħeb għall-applikazzjoni ta' fondi ewropej biex isir proġett ta' wiċċ ġdid fi Triq Tax-Xadba taħt il-miżura 73.3 – *Rural Roads*. Kien hemm qbil mill-membri preżenti sabiex jiġi ffirmat dan il-ftehim.

80.8.8 B'kollaborazzjoni bejn il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali flimkien mas-Segretarjat għall-Gvern Lokali, ġiet imħabbra skema "Ġonna fl-Urban" sabiex il-Kunsill jakwista numru ta' siġar biex jitħawlu fil-lokalita'. Kien hemm qbil mill-membri sabiex tiġi sottomessa din l-applikazzjoni.

80.8.9 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Circular Economy Malta, aġenzija fi ħdan il-Gvern li ser tkun qed tmexxi u tissorvelja l-operat tal-Waste Depots fosthom dik tax-Xlendi. CE Malta qed tissuġġerixxi sabiex minflok dawn il-kontenituri jilqgħu fihom skart imħallat kummerċjali u skart organiku kummerċjali, dawn jilqgħu fihom skart riċiklabbli kummerċjali u skart organiku kummerċjali. Kien hemm qbil mill-membri preżenti għal din il-proposta.

80.8.10 Il-Kunsill irċieva approvazzjoni mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali dwar l-applikazzjoni sottomessa għall-fondi ta' aġġustament għas-sena 2024 għal dawk iż-żoni turistiċi li jammontaw għal €3,000. Il-Kunsill innota l-kontenut.

80.8.11 Ċirkulari LGD 4/2024 – Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali (8 ta' Ġunju 2024). Il-Kunsill innota l-kontenut.

80.8.12 Ċirkulari Nru AKL 2024/027 – Stedina mid-Dipartiment għax-Xogħlijiet Pubbliċi. Il-Kunsill innota l-kontenut.

80.8.13 Ċirkulari Nru AKL 2024/028 – MCAST Summer Teens. Il-Kunsill innota l-kontenut.

80.8.14 Ċirkulari Nru AKL 2024/029 – European Climate Pact National Event: 8th May 2024. Il-Kunsill innota l-kontenut.

Kunsill Lokali Il-Munxar

80.8.15 Ċirkulari Nru AKL 2024/030 – All Digital Week 2024 – Nessy Reading and Spelling Programme financed by the Local Council's Association – 6th May 2024. Il-Kunsill innota l-kontenut.

80.8.16 Ċirkulari Nru AKL 2024/031 – Launch of ALL DIGITAL Week 2024. Il-Kunsill innota l-kontenut.

80.8.17 Ċirkulari Nru AKL 2024/032 – Post Vakant Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali – Assistent Prinċipal Skala 11. Il-Kunsill innota l-kontenut.

80.8.18 Ċirkulari Nru AKL 2024/033 – National STEM Community Fund 2024 – circular for dissemination. Il-Kunsill innota l-kontenut.

80.8.19 Ċirkulari Nru AKL 2024/034 – Invitation to a Public Talk on Co-Creating Public Space: 15th May. Il-Kunsill innota l-kontenut.

80.8.20 Ċirkulari Nru AKL 2024/035 – Informative Document Implementing Bring Your Own Container (BOYC) Initiative at Local Feasts. Il-Kunsill innota l-kontenut.

80.8.21 Ċirkulari Nru AKL 2024/036 – Using META Effectively – Connecting to Community: making social media work for you (training session) 29/05/2024. Il-Kunsill innota l-kontenut.

80.8.22 Ċirkulari Nru AKL 2024/037 – Sae the Date: Give a damn! GO Vote Campaign & After Party. Il-Kunsill innota l-kontenut.

80.8.23 Ċirkulari Nru AKL 2024/038 – ECAD's Mayors' Conference – Official Agenda and Livestream Access. Il-Kunsill innota l-kontenut.

80.8.24 Ċirkulari Nru AKL 2024/039 – RIGHTS call for mentors. Il-Kunsill innota l-kontenut.

80.8.25 Ilment 10/2024
Resident jitlob sabiex jiġi rranġat ħajt tas-sejjieħ fi Triq il-Munxar wara li waqa' ħabba l-maltemp. Is-Sindku wieġeb li dan ġie rranġat.

Kunsill Lokali Il-Munxar

80.8.26 Ilment 11/2024

Resident jiġbed l-attenzjoni dwar boroż taż-żibel li qed jinħarġu mhux skont l-iskeda tal-ġbir tal-iskart. Kien hemm qbil mill-membri sabiex dan l-ilment jinġab għall-attenzjoni tal-Pulizija tal-Komounita'.

80.8.27 Ilment 12/2024

Resident jitlob sabiex tiġi nstallata bozza fit-tarf ta' ġewwa ta' Triq Biżantini fix-Xlendi. Is-Sindku wieġeb li din diġa' hija approvata mill-Kunsill iżda ħadd mir-residenti tal-viċinanzi ma jrid li teħel mal-faċċata tiegħu u kien hemm qbil li jsir tentattiv ieħor.

L-istess resident jitlob sabiex jiġi rranġat it-taraġ li minn Triq Puniċi jagħti għal Triq San Xmun fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri sabiex terġa' tinġibed l-attenzjoni.

L-istess resident jitlob ukoll sabiex tiġi rranġata bankina fi Triq Puniċi. Kien hemm qbil dwar dan li ssir manutenzjoni tal-bankina msemmija.

80.8.28 Ilment 13/2024

Resident jitlob sabiex tingħata aktar attenzjoni relatat ma' tindif fi Triq ir-Rabat fix-Xlendi. Kien hemm qbil sabiex il-Kunsill iqabbad ħaddiem jiknes din it-triq avolja hija triq arterjali fir-responsabilita' tal-Gvern Ċentrali.

80.8.29 Ilment 14/2024

Resident jissuġġerixxi li ssir *bicycle rack* għar-roti fi Triq Puniċi fix-Xlendi. Kien hemm qbil dwar dan.

80.8.30 Ilment 15/2024

Resident jitlob sabiex isiru aktar *bins* u *dog bins* ħdejn il-bajja tax-Xlendi inkluż *bins* tas-sigaretti, ikun hemm aktar infurzar għal dawk li jħamġu fuq ir-ramel kif ukoll dwar il-possibilta' li jiżdied ir-ramel tal-bajja. Wara diskussjoni bejn il-membri, kien hemm qbil li jiġu nstallati l-*bins* tas-sigaretti.

80.8.31 Ilment 16/2024

Resident jitlob sabiex bozza li tinsab fi Triq il-Kantra fix-Xlendi tiċċaqlaq jew jitnaqqas il-voltaġġ taghha minħabba li qed tagħti wisq dawl għal ġol-kamra tas-sodda. Kien hemm qbil mill-membri sabiex jiġi identifikat eżatt il-post fejn tinsab din il-bozza u jiġi propost li jsir ilqugħ mal-bozza.

Kunsill Lokali Il-Munxar

80.8.32 Ilment 17/2024
Jilmenta dwar dgħajsa abbandunata li tinsab ħdejn l-istatwa ta’ Sant’ Indrija fix-Xlendi. Is-Sindku wieġeb li b’kollaborazzjoni mal-Pulizija tal-Komunita’ din id-dgħajsa tneħħiet.

**80.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta’ Pagamenti;**

80.9.1 Skeda ta’ ħlasijiet bin-numru 80/2024-8 għall-perjodu bejn is-16 t’April 2024 u t-30 ta’ Mejju 2024 li tammonta għal €131,791.68 ġiet approvata u ffirmata. Il-Kunsillier Mark Busuttil kien il-proponent filwaqt li l-Kunsillier Juliet Attard is-sekondant.

**80.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

80.10.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.30 ta’ filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Erbgħa 12 ta’ Ġunju 2024 fil-5.30 ta’ filgħaxija.

Konfermati illum, l-Erbgħa 12 ta’ Ġunju 2024.

IFFIRMATA
Damien Spiteri
Sindku

IFFIRMATA
Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Il-Munxar